# 270. Il-Maħmuġin

Bajja sbejħa ta' gżiritna
li tiżżerżaq mal-għoljiet,
lejn iċ-ċagħaq u r-ramel isfar.
għall-ilwien tal-ilmijiet.

Siġar kbar u siġar ħodor,
ħarrub iswed, ħarrub ħlejju,
qasab aħdar b'xuxa bajda,
sagħtar aħmar, vjola l-plejju.

Saltna sbejħa, saltna safja
tal-ibliebel u tal-fewġ,
tat-tħaxwix tal-ilma ġieri,
tat-thaxwix t'ilmet il-mewġ.

F'daqqa waħda żewġ karozzi
mgħobbijin bin-nies beltin,
waslu, niżlu bħal pirati
qalb l-għoljiet u l-blat sektin.

Għajjat, ġiri, l-infern wasal,
mal-istorbju wkoll il-ħmieġ;
blat u ċagħaq, ramel u baħar
kollha imtlew fliexken taż-żġieġ,

laned, ħobż, u qxur tal-basal,
tat-tadam, tal-karawett,
qxur tal-frott, tas-sarr il-karti
u l-ġelati tal-pakkett.

F'qiegħ il-baħar tazzi mkissra,
bott u laned kollha semm.
Ja Sireni, li qed tgħumu
ara denbkom kollu demm!

Kemm nixtieq li s-setgħa kelli
ġewwa fija ta' Merlin!
Kont il-ħatar b'idi nxejjer,
kavallieri nġib tletin,

Rekbin dritti fuq iż-żiemel,
lebsin l-elmu, x-xabla, l-lanza,
u f'salt wieħed fuq ir-ramel
kif qegħdin iduru d-danza

Idawruhom u jwerwruhom,
u jgħidulhom: “Maħmuġin,
minn dil-bajja fis itilqu,
għajb u ħmieġ tagħna l-Maltin;

“Aħna l-fjur tal-kavallieri,
ħallejnikom opri kbar,
knejjes, djar, biblijoteki,
u dawwarna l-bliet bis-swar;

“Lil Malta għamilna ġawhra
ħallejnilkom opri kbar,
lil kull poplu biex jaraha
għamilnieh bil-wisq xewqan!

“Iżda qabel ma titilqu,
iġbru kollox, karawett,
ħobż, u basal, laned, fliexken
anki t-truf tas-sigarett.

“Ħallu kollox nadif tazza,
sewwa sewwa kif sibtuh;
issa bewġu, għajb ta’ Malta,
nies bla qalb, bla sens, bla ruħ!”

Iżda jien m’għandix is-setgħa
ġewwa jdejja ta’ saħħar;
nista’ biss lil dawn il-boloh
nibgħat dawn il-versi fqar!